Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 42/2017

**Wei Wei**

**Vs**

**The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**

26 ta' Jannar, 2018.

1. B'decizjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni tal-15 ta' Settembru, 2015, gie michud appell ta' Wei Wei mid-decizjoni tal-intimat relatata mal-ghoti ta' permess ta' residenza ghall-iskop ta' studju.

2. Fil-25 ta' Settembru, 2017 l-appellat appellat mid-decizjoni u spjegat l-aggravji b'dan il-mod:

   *"(i) Skont id-decizjoni li qed tigi appellata 'the Board notes that it is undeniably true that the Director's decision fails to fulfil Regulations 9, 10(1) and 10(2) of S.L. 217.09 as explained in the second, third and fourth paragraphs of this decision in which the appellant's principal arguments are reproduced'.*

   *(ii) In partikolari l-esponenti kienet issottomettiet illi r-Regolament 9 precitat jistipula r-ragunijiet ('five grounds') li in bazi taghhom 'a residence permit for the purpose of studies could be withdrawn or not renewed upon application for renewal', u illi ghalhekk ir-raguni li dehret timmotiva d-decizjon tad-Direttur **mhix bazata fil-ligi**.*

   *(iii) Kull ma ghamel l-'Immigration Appeals Board' in rigward tas-sottomissjonijiet li saru mill-esponenti in linea tad-dritt kien illi 'jinnota' ('the Board notes') li tali sottomissjonijiet huma 'undeniably true'. Izda bl-eba mod ma gie deciz x'effett ghandu jigi attribwit skont il-ligi ghall-mankanzi tad-Direttur, illi gie mifhum li huma ingustifikati legalment.*

   *(iv) Kif gie spjegat, wara ghaxart ijiem biss mid-data li fiha l-esponenti applikat biex ikollha 'residence permit' id-Direttur gharraf li 'the said application is being withdrawn', ghar-raguni li 'Identity Malta cannot ascertain that you are actually going to study in Malta'.*

*Hawnhekk ikollu jinghad illi jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jitqies li d-Direttur seta' jiddeciedi kif ghamel, l-esponenti spiccat imcahhda minn smiegh xieraq li bis-sahha tieghu seta' jigi ppruvat li l-istudju li ghamlet l-esponenti tal-Ingliz ghenha sabiex tigi accettata bhala 'full-time student' fl-Institute of Tourism Studies kompatibbilment mad-definizzjoni ta' 'higher education' kif ikkontemplat fl-S.L. 217.09 (Dokument WW2 sa Dokument WW10)"*.

3. Fis-6 ta' Ottubru, 2017, l-appellat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn fil-fehma tieghu l-appell ghandu jigi michud.

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

5. Jirrizulta li fis-6 ta' Gunju, 2016, l-appellanti applikat ghall-hrug ta' *residence permit* sabiex tistudja f'Malta. Jidher li l-istudju kellu jkun ma' EIE Malta Limited:

   i. Ghall-kors tal-Ingliz ta' tlett xhur; u
   ii. Diploma fil-*Business Studies* (tlett snin).

6. B'ittra datata 16 ta' Gunju, 2016, id-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-*Expatriates* baghat igharraf lill-appellanti, permezz ta' ittra iffirmata minn Ryan Spagnol *(Senior Manager)* li:

   *"I regret to inform you that the **said application has been withdrawn** with immediate effect **as your previous residence permits were issued on different intents of residence, thus Identity Malta cannot ascertain that you are actually going to study in Malta**"*.

   Il-qorti tosserva:

   i. Ma tifhimx kif applikazzjoni ghall-permess ta' residenza tista' qatt tigi *withdrawn* mill-appellat. M'hemmx dubju li ma tistax. Dak li skont il-ligi jista' jaghmel l-appellat hu li jirtira permess ta' residenza (ara regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 217.09 – *Regolament dwar il-Kondizzjonijiet ghad-Dhul ta' Cittadini ta' Pajjizi Terzi ghall-Finijiet ta' Studju*), izda mhux applikazzjoni. Dan il-kaz ma kienx wiehed ta' rtirar ta' permess ta' residenza.
   ii. Ir-raguni li nghatat mill-appellat m'hijiex ragonevoli u lanqas ma taghmel sens.

Il-qorti tawgura li meta l-appellat ikun ser jirrifjuta applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' residenza, jizgura li r-raguni li jaghti tkun taghmel sens. Qieghed jinghad hekk ghaliex:

i. Il-fatt li persuna tkun diga' nghatat permess ta' residenza ghal skop differenti minn studju, ma jfissirx li wara ma tistax tapplika ghall-permess ta' residenza sabiex tistudja f'Malta.

ii. *Identity Malta* ghandha l-mezzi kollha biex tivverifika jekk persuna li tkun inghatat permess ta' residenza biex tistudja f'Malta, fil-fatt tkun qeghda tistudja f'Malta. Jekk jirrizulta li ma tkunx qeghda ssewgi l-istudji, hi l-ligi stess li tawtorizza lill-intimat biex jirtira l-permess ta' residenza. Hu ovvju li hu biss wara l-ghoti ta' permess ta' residenza ghal studju li jistghu jsiru verifiki biex jigi determinat jekk l-istudent beda u kompla bl-istudju f'Malta. Dak li jsir qabel hu verifiki dwar xi studju l-applikant ikun irid jaghmel f'Malta.

7. Il-qorti taghmel osservazzjoni ohra fir-rigward tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-15 ta' Settembru, 2017 minn fejn jirrizulta li l-Bord cahad l-appell tal-appellanti minhabba r-ragunijiet li ssemmew mill-istess Ryan Spagnol f'*email* tat-30 ta' Mejju, 2017. Tant hu hekk li fid-decizjoni jinghad:

*"However, the Board cannot ignore the extremely serious points raised by Identity Malta in its submissions particularly the fact that the appellant's name did not feature in the list of students provided to Identity Malta by EIE (Malta) Ltd. The Board finds itself in complete agreement with the conclusions reached by Identity Malta following the appellant's dealing and encounters with Identity Malta over the past few years"*.

Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex il-mod korrett kif kellu jiddeciedi l-Bord. L-applikazzjoni giet michuda ghar-ragunijiet li jissemmew fl-ittra tas-16 ta' Gunju, 2016, u li a bazi taghha l-appellanti appellat quddiem il-Bord tal-Appell. Ir-ragunijiet li nghataw fl-email tat-30 ta' Mejju, 2017 issemmew **biss** fl-istadju li l-proceduri kienu quddiem il-Bord tal-Appell. Mill-*file* tal-Bord ma jirrizultax li l-appellanti nghatat l-opportunita' biex tikkummenta dwar il-kontenut tal-email datata 30 ta' Mejju, 2007. Fil-fehma tal-qorti l-Bord tal-Appelli kellu jistharreg id-decizjoni tal-intimat kif inhi fl-ittra tas-16 ta' Gunju, 2016, u mhux a bazi ta' ragunijiet godda li semma l-intimat fil-mori tal-appell. Dan iktar u iktar fejn l-appellanti lanqas ma nghatat l-opportunita' biex taghti l-kummenti taghha. Il-Bord tal-Appell tal-Immigrazzjoni hu wara kollox tribunal amministrattiv fejn wiehed ghandu jedd jippretendi li dak li jsir ikun skont il-principju ta' *procedural fairness*. F'sentenza tal-Qorti Suprema Kanadiza, Baker v Canada (Minister of Citizenship & Immigration) (2

S.C.R.817) gew identifikati l-elementi ta' procedural fairness fil-kuntest tal-ligi amministrattiva:

*"The values underlying the duty of procedural fairness relate to the principle that the individual or individuals affected should have the opportunity to present their case fully and fairly, and have decision affecting their rights, interests, or privileges made using a fair, impartial and open process, appropriate to the statutory, institutional and social context of the decisions"*.

F'kull kaz, il-Bord kellu jgharraf lill-appellanti x'informazzjoni kienet inghatat mill-awtorita' pubblika u jaghtiha l-opportunita' li tispjega. Informazzjoni li tant il-Bord qies li kienet rilevanti li bbaza d-decizjoni tar-rifjut tal-appell, fuqha.

8. Wara dak verbalizzat fl-ahhar seduta, l-appellanti pprezentat nota fejn iddikjarat:

*"Illi sabiex tintavola dan l-appell hija ppreavliet ruhha mill-Artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet"*.

Minkejja dak li nghad hawn fuq, il-qorti hi tal-fehma li l-appellanti ma tistax tirnexxi fl-appell ghaliex ma jirrizultax li f'dan il-kaz jezisti jedd ta' appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli. Skont Artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 219):

*"Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord* ***rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III****, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw appell bħal dak"*.

Id-decizjoni tal-Bord ma tolqotx persuna bhal dawk li jissemmew fit-Taqsima III tal-Att (ara per ezempju sentenza ta' din il-qorti **Daham Al Hamed vs Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni** tas-26 ta' Gunju, 2009), apparti li l-appell m'huwiex bazat fuq punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell bhala null. Spejjez a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.